**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**
**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Sherona Buhagiar]**

**vs**

**-Omissis-**

**Kumpilazzjoni Numru:478/2024**

**Illum, 5 ta' Gunju, 2024**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra -Omissis- detentur tal-karta tal-identità bin-numru -Omissis- akkuzat talli talli nhar it-03 ta' Gunju, 2024 bejn is-18.00hrs u l-22.00hrs, gewwa dawn il-Gzejjer Maltin;

1. Bl-imgieba tieghu, ikkaguna lil martu u cioe' **-Omissis-**, biza' li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta` taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta` ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet u gab ruhu b'mod li kien jaf jew li messu kien jaf li l-imgieba

tieghu se tikkaguna lil martu -Omissis- biza' u dan bi ksur ta' artikoli 251(3), 251H(a) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi, ikkaguna lil **-Omissis-**, biza' li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta` taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta` ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet u gab ruhu b'mod li kien jaf jew li messu kien jaf li l-imgieba tieghu se tikkaguna lil **-Omissis-** biza' u dan bi ksur ta' artikolu 251(3) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' martu **-Omissis-** f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' l-istess **-Omissis-** u cioe' feriti ta' natura hafifa kif ccertifikata minn Dr. Jean-Luc Paris (Med. Reg 4609) u dan bi ksur ta' artikoli 214, 221(1), 222(1)(a), 222A(7) tal-Kodici Kriminali ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' **-Omissis-** f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' l-istess **-Omissis-** u cioe' feriti ta' natura hafifa kif ccertifikata minn Dr. Jean-Luc Paris (Med. Reg 4609) u dan bi ksur ta' artikoli 214, 221(1) tal-Kodici Kriminali ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi, ghamel ingurji u theddid mhux imsemmija band'ohra fil-Kodici Kriminali lil **-Omissis-** jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur ta' artikolu 339 (1)(e) tal-Kodici Kriminali ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba li tohroġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra **-Omissis-** a` beneficcju ta' **-Omissis-** u **-Omissis-** u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll f'każ ta' htija, sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' **-Omissis-** u **-Omissis-** kif jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil **-Omissis-** billi tapplika l-Artikoli 382A et seq. tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal żmien li thoss xieraq u, jew torbot lil **-Omissis-** b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma flus li tigi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq. tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lil **-Omissis-** sabiex ihallas l-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti, jekk ikun il-kaz, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli indikati 251(3), 251H(a), 214, 221(1), 222(1)(a), 222A(7), 339 (1)(e), 412C, 382A et seq., 383 u 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kif dedotti kontrih u l-konferma ta' tali ammisjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu;

Stante ammissjoni, qieghda ssib lill-imputat -Omissis- hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u stante ammissjoni bikrija u stante l-fedina penali netta u li l-imputat ikkoopera bis-shih, il-Qorti qed tpoggih taht Ordni ta' Probation taht l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal tnax (12)-il xahar u liema ordni qieghda tifforma parti minn din is-sentenza.

Finlament il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

---

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**